MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-15 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 976/2004

**Atlas Insurance Agency Limited, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha AON Malta Ltd. u b'digriet tal-14 ta' Mejju, 2004, minflok "Atlas Insurance Agency Limited" jitnizzlu l-kliem "Atlas Insurance Limited"**

**vs**

**Doreen Saliba**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Mejju, 2004 fejn intqal illi:**

**Din hija istanza fejn is-socjeta` attrici qed titlob il-kundanna tal-konvenuta ghal risarciment ta' danni fl-ammont ta' erba' mija u tlieta u tmenin lira u tlieta u disghin centezmu (Lm483.93) in linea ta' danni**

**kkagunati mill-konvenuta u sborsati mis-socjeta` attrici a favur l-assikurat taghha bhala indennizz in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara fis-Swieqi fit-12 ta' Settembru 2003 meta waqt li l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura Nru.BAV 964 habtet mal-vettura Nru.AON 001, propjeta' ta' AON Malta Ltd u misjuqa minn Joseph Cutajar, ghal liema incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.**
**Oltre l-imsemmija danni, il-konvenuta ghandha thallas l-ispejjez tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tat-3 ta' Frar 2004, l-ispejjez tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenuta bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-imghax legali b'effett mit-3 ta' Frar, 2004 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fid-19 ta' Mejju, 2004, fejn intqal li dak li tablet is-socjeta` attrici ghandu jigi michud fil-konfront tal-eccipjenti ghax hi ma kienetx tahti ghall-incident stradali "de quo".**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Cutajar, Steve Conti, Doreen Saliba, PS 1492 Joseph Pace. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Ra n-nota ta' referenzi prezentata mis-socjeta` attrici.**

**Ikkunsidra:**
**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-12 ta' Settembru, 2003, fi Triq Saint Andrew, Swieqi, bejn il-vettura numru AON-001 misjuqa minn Joseph Cutajar u l-vettura bin-numru BAV-964 misjuqa minn Doreen Saliba.**
**2. Il-versjoni moghtija mill-attur fir-road accident report kienet li waqt li kien qed isuq fi triq St Andrews il-konvenuta qasmet minn quddiemu u kisret ghax-xellug. Fl-istess rapport il-konvenuta tghid li xeghlet l-indicator biex iddur ghal go Triq Falaise u l-attur habat maghha.**

**3. L-attur kellu l-hsara tieghu fuq il-mudguard ta' quddiem in-naha tal-lemin u fuq ir-rota, filwaqt li kellu hsara fix-xellug fejn dahal fil-hajt. Il-konvenuta kellha l-hsara taghha fuq il-mudguard u l-bieba tax-xellug ta' quddiem.**
**4. L-attur kien gej mid-direzzjoni ta' Bahar ic-Caghaq sejjer fid-direzzjoni ta' St. Andrews, u kien qed isuq fil-karreggata ta' gewwa, ghaddej b'xi 45/50kfs, u beda jnaqqas hu u javvicina t-traffic lights peress li kien hemm il-karrozzi weqfin. Jghid li kien hemm karozza hdejh fil-karreggata ta' barra li bdiet tnaqqas fil-velocita`. Testwalment jghid hekk: "F'waqt minnhom meta gejna hdejn it-triq li taghti ghal Pembroke, il-vettura li kien hemm fil-karreggata ta' barra kisret f'salt biex tidhol fit-triq li taghti ghal Pembroke."**
**5. Il-konvenuta kienet miexja fl-istess direzzjoni tal-attur. Tghid li kellha l-indicator mixghul u li kien ilu mixghul. Skond il-konvenuta l-attur kien qed jaqbizha minn gewwa, habat fil-bieba taghha u kaxkara.**
**6. Ma hemmx dubbju li l-konvenuta kellha obbligu mhux semplicement li tixghel l-indcator, izda li tassigura ruhha li meta kienet ser tikser ma kienetx ser tkun ta' ostakolu ghat-traffiku ghaddej fil-karreggata l-ohra. Apparti minn dan gjaladarba hi kien bi hsieba tikser ghal got-triq fuq ix-xellug taghha hi messa hasbet minn qabel u ghazlet il-karreggata ta' gewwa biex tikser ghal go dik it-triq minghajr in-necessita` li taqta' il-karreggata li minnha ghaddej it-traffiku. Ghalhekk ghall-incident de quo ghandha tigi ritenuta unikament responsabbli l-konvenuta.**
**7. Id-danni jirrizultaw fl-ammont imsemmi skond id-Dok.CS1 sa CS6 esebiti.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident *de quo* u jikkundannaha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u tlieta u tmenin lira u tlieta u disghin centezmu (Lm483.93), bl-imghax legali mit-3 ta' Frar, 2002 sad-data tal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tat-3 ta' Frar 2002, u l-ispejjez tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) prezentata kontestwalment mal-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenuta a tenur tal-Kap.104, ghandhom kollha jigu sopportati mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------